

**Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea**

(2018/C 327/06)

Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(1)</sup>, in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup> qed jiġu emendati kif ġej:

Fil-paġna 97, fin-nota ta' spjega tal-intestatura 2202 **“Ilmijiet, inklużi ilmijiet minerali u ilmijiet effervexxenti, biz-zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu miżjud jew imħawwrin, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, mhux meraq tal-frott jew tal-ħxejjex ta' titlu 2009”**, jiżdied it-test li ġej:

“Ix-xarbiet mhux alkoħoliċi ta' din l-intestatura huma likwidi adattati direttament għall-konsum mill-bniedem permezz tal-inġestjoni u maħsuba għal dan l-użu, irrispettivament mill-kwantità assorbita jew mill-iskopijiet partikolari li jistgħu jintużaw it-tipi differenti ta' likwidi kkonsmati, sakemm ma jiġux inklużi f'intestatura oħra aktar speċifika. Il-fatturi purament soġġettivi u varjabbli, bħall-mod li bih jittieħdu dawn ix-xarbiet jew l-iskop għalfejn jiġu kkonsmati, eż. biex jinqatal-għatx jew biex titjeb is-saħħa, mhumiex rilevanti għall-klassifikazzjoni tagħhom (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża 114/80).

Din l-intestatura tinkludi, fost l-oħrajn, il-prodotti likwidi lesti biex jinxtorbu għan-nutrizzjoni tat-trabi.”

---

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.